MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 994/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Tayeb M. Al-Wosh u Mohanned Eltayeb Elwash**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Tayeb M. Al-Wosh, ta' 58 sena, bin Ramadan u Kadiga, imwieled Misurata il-Libja fil-01.02.1946 detentur ta' Passaport Libjan numru 318768 mahrug Ben Ghashir fil-8.10.2003

Mohannad Eltayeb Elwash ta' 17-il sena bin Tayeb Al-Wosh u Nagia, imwieled Tripoli l-Libja fit-23 ta' Frar, 1986 Passaport Libjan numru W269048(m) mahrug Misurata fil-14.07.2003 akkuzati talli:

1. fl-1 ta' Dicembru 2003, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, jew importajtu ghal hsieb ta' kemmerc, merkanzija, u cioe hwejjeg u zraben tal-marka Nike, Adidas u Diesel, b'marki, sinjali, jew emblemi imxebbhin b'qerq.

2. fl-1 ta' Dicembru 2003, mal-wasla taghhom f'Malta mat-titjira LN144 minn Tripoli gewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentament u bil-ko-operazzjoni ta' xulxin naqsu li jiddikjaraw lill-Ufficcjali tad-Dwana billi ghaddew mill-Green Channel:

a) 8 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue;
b) fekruna;
c) 19-il tracksuit;
d) 16-il Sport Top
e) 18-il par Sports Shoes

3. L-importazzjoni ta' l-oggetti hawn fuq imsemmija, hija pprojbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur u Dazju:

a) Lm18.00.00 u Dazju tas-Sisa Lm71.60.
b) Lm4.00.0 u Dazju xejn
c) Lm95.00.0 u Dazju Lm13.30.0
d) Lm48.00.0 u Dazju Lm6.72.0
e) Lm72.00.0 u Dazju Lm14.40.0

L-imsemmija oggetti huma soggetti wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.). Liema dazju u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Minhabba l-fatt li l-oggetti msemmija gew maqbuda mill-ufficjali tad-Dwana fil-presenza ta' l-istess Tayeb M. Al-Wosh u Mohanned Eltayeb Elwash, nota ta' Qbid mid-Dipartiment tad-Dwana mhiex tinhareg (Artiklu 72(1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana).

Dan bi ksur ta' Artikoli 60 (a) (b) (c) (k); l-Artikoli 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, l-artikolu 16 (j), l-artikolu 17 (a) tal-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-

Sisa u kif ukoll bi ksur ta' l-Avviz Legali Numru 44/82 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Illi fl-atti tal-kawza tinsab esebita biss t-talba biex jittiehdu proceduri mill-Kontrollur tad-Dwana. It-talba tal-Kummissarju tal-VAT ma gietx esebita u lanqas deher xi rappresentat tieghu. It-talba hija rikjesta sine qua non.

Illi l-imputati ammettew l-akkuzi. Din l-ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Illi ghab-bazi ta' din l-ammissjoni u kunsidrat dak li gie osservat fl-ewwel paragrafu li l-Qorti qeghdha ssib htija fl-imputati dwar l-ewwel u t-tieni izda mhux tat-tielet.

Rat l-artikoli 60(a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (e) (g) (h) (l) (k) u paragrafu (a) tal-proviso 62, l-Artikolu 8 tal-Avviz Legali 44/82 u tikkundannhom kumplissavament multa ta' Lm780 kull imputat oltre li tikkundannhom 6 xhur prigunerija kull wiehed li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena millum.

Dwar il-multa inflitta rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9 tordna li s-somma ta' Lm570 ghandhom jithallsu zmien erba' u ghoxrin siegha waqt li l-bilanc jithallas b'pagamenti ta' Lm100 fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' dan ix-xahar u b'pagamenti sussegwenti u konsekuttivi u bid-dekkadenza fin-nuqqas konvertibbli f'tlett xhur prigunerija fin-nuqqas ta' pagament kif ordnat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------